*- ANNULLAMENT TAZ-ZWIEG – ART 19 (1) (D) (F) TAL-KAP 255-*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 38**
**Citazzjoni Numru: 1567/99/RCP**

**Rose Titouah**

**vs**

**Dr Joseph Mario Sammut u l-PL Gerald Bonello li b'digriet tal-5 t'Awissu 1999 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Djamel Titouah**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu civilment fir-registru fid-19 ta' Gunju 1997, kif jidher mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dokument "A", wara li kienu ilhom jafu lil xulxin biss ftit xhur;

Illi f'dak iz-zmien l-attrici kellha biss dsatax (19)-il sena;

Illi gimgha wara li zzewgu, il-partijiet marru flimkien l-Algeria sabiex izuru l-familjari tal-konvenut, li huwa ta' nazzjonalita' Algerija;

Illi meta wasslu biex jirritornaw lura lejn Malta, il-konvenut wassal lill-attrici l-ajruport ta' Tunis fejn infurmaha illi huwa ma kienx ser jirritorna lura lejn Malta fuq l-istess titjira izda illi kien ser jirritorna Malta l-gurnata segwenti;

Illi in effetti l-konvenut qatt ma rega' gie Malta, u *nonostante* diversi tentattivi minn naha ta' l-attrici, kif wkoll mill-*Emigrants Commission* (Dokument "B") l-konvenut ghadu sal-gurnata ta' llum na nstabx;

Illi ghalhekk dan iz-zwieg huwa null billi vizzjat b'difett serju ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, *oltre* wkoll ghal dak mahsub fil-paragrafu **(f) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255**, da parti tal-kontendenti.

Illi l-istess attrici talbet li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti tad-19 ta' Gunju 1997 huwa null u bla effett a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) u (1) (f) tal-Att dwar iz-Zwieg** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghar-ragunijiet l-ohra li jigu trattati waqt il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-5 t'Awissu 1999 fejn Dr Joseph Mario Sammut u l-PL Gerald Bonello gew appuntati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Djamel Titouah.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti noe tat-8 ta' Frar 2000 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa ma hux edott mill-fatti u ghalhekk jirriserva li jecepixxi ulterjorment eccezzjonijiet ohra u ghaldaqstant jitiob lill-attrici l-indirizz tal-konvenut zewgha.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni jirrizerva wkoll illi jaghmel dawk l-atti u proceduri kollha li jkunu jinhtiegu, necessarji u permessi mill-ligi wara li jigi edott mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 21 tal-process.

Rat il-verbali tat-8 ta' Marzu 2000 fejn il-Qorti nnominat lill-Dr Carole Zammit Montebello biex tigbor il-provi u tirrelata, tat-23 ta' Gunju 2000, tal-11 ta' Dicembru 2000, tat-3 ta' Lulju 2001, tat-30 t'Ottubru 2001, tat-12 ta' Marzu 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta w inghata digriet tal-affidavit attrici ta' 40 jum u Dr Demarco ghall-attrici prezenti ddikjara li hlief ghall-affidavits m'ghandux provi izjed.

Rat ir-rikors tal-konvenuti noe tat-22 ta' Marzu 2002 u d-digriet tal-Qorti tal-25 ta' Marzu 2002 fejn cahdet it-talba f'dan l-istadju.

Rat in-nota tal-attrici tat-8 ta' Mejju 2002 fejn gew prezenti tlett affidavits.

Rat il-verbal tad-9 ta' Mejju 2002 fejn wara li Dr Sammut gie msejjah diversi drabi u baqa' ma deherx, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta' Gunju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet taghha tat-8 ta' Marzu 2000 fejn kienet innominat lil Dr. Carole Zammit Montebello bhala perit legali *stante* li jidher li llum ma hemmx bzonn iktar ghal tali nomina, salv kull dritt ta' spejjez u drittijiet li jistghu talvolta jkunu dovuta lilha skond il-ligi.

### A. TALBA ODJERNA.

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li l-kontendenti zzewgu civilment fir-registru fid-19 ta' Gunju 1997, kif jidher mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dokument "A", wara li kienu ilhom jafu lil xulxin biss ftit xhur; meta hija kellha biss dsatax (19)-il sena; u li gimgha wara li zzewgu, il-partijiet marru flimkien l-Algeria sabiex izuru l-familjari tal-konvenut, li huwa ta' nazzjonalita' Algerija u meta wasslu biex jirritornaw lura lejn Malta, il-konvenut wassal lill-attrici l-ajruport ta' Tunis fejn infurmaha illi huwa ma kienx ser jirritorna lura lejn Malta fuq l-istess titjira izda illi kien ser jirritorna Malta l-gurnata segwenti; in effetti l-konvenut qatt ma rega' gie Malta, u *nonostante* diversi tentattivi minn naha ta' l-attrici, kif wkoll mill-*Emigrants Commission*

(Dokument "B") l-konvenut ghadu sal-gurnata ta' llum ma nstabx.

Illi ghalhekk l-attrici qed issostni li dan iz-zwieg huwa null billi vizzjat b'difett serju ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, skond **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** *oltre* wkoll ghal dak mahsub fil-paragrafu **(f) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255**, da parti tal-kontendenti.

Illi ma jidhirx li l-konvenut *tramite* l-kuraturi deputati li qed jirrapprezentawha ipprovdew eccezzjonijiet fil-meritu ghall-istess talba, pero' gie ritenut diversi drabi li anke f'kaz ta' nuqqas ta' kontestazzjoni w addirittura f'kazijiet fejn ikun hemm ammissjoni xorta wahda jrid jigi stabbilit li hemm bazi reali u legali sabiex tigi milqugha t-talba attrici ghall-annullament taz-zwieg.

Illi nfatti fil-kawza fl-ismijiet **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) inghad illi:-

*"Illi qabel xejn ghandu jigi osservat li f'din il-kawza l-konvenuta tidher li qed tammetti ghat-talbiet attrici, izda kif gie ritenut fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia (A.C. 15 ta' Jannar, 2002 - Citaz. Nru: 165/95/VDG"** anke fil-kaz ta' "ammissjoni ta' xi talba jew ohra, din il-Qorti ma kinetx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara*

***"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, (Prim'Awla, 4 ta' Novembru 1994); **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri",** (Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 1995); **"Evelyn Agius vs John Borg"**, (Prim'Awla, 4 ta' Ottubru 1995); **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, (Prim'Awla, 10 ta' Novembru 1995**); "Isabelle Zarb vs Stephen Attard"**, (Prim'Awla, 21 ta' Novembru 1995); **"Terrence Richard vs Maria Concetta Richard nee' Goodlip"**, (Prim'Awla, 22 ta' Frar 1996); **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"**, (Prim'Awla, 31 ta' Jannar 1996); **"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"**, (Prim'Awla, 16 ta' Settembru 1996)".*

## B. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT U FATT.

Illi fil-premessi tac-citazzjoni l-attrici hija qalet li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-istess premessi jinghad, l-attrici sostniet illi l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1**) *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** millI-provi migbura jirrizulta li I-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` I-valuri u I-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju **"***supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* .

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage…..... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity……"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in*** ***"*****l'immaturite" et le consentement matrimonial*****"*** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its*

*continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid :-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding*

*oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to*

*remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi fil-kuntest ta' dan kollu mill-provi migbura jirrizulta li l-attrici bdiet tohrog mal-konvenut fid-19 ta' Jannar 1996, u peress li l-istess konvenut kien jahdem fuq il-vapuri, kienet tiltaqa' mieghu biss xahar iva u xahar le, u wara li l-istess konvenut weghda li kif jizzewgu huwa jitlaq dan ix-xoghol u jahdem Malta, l-kontendenti ddecidew li jizzewgu wara biss sitt xhur li kienu jafu lill xulxin tant li kellhom jizzewgu f'Marzu 1997 u z-zwieg thassar ghaliex l-konvenut kellu jsiefer fuq xoghol, fil-fatt izzewgu fid-19 ta' Gunju 1997.

Illi l-kontendenti krew post f'Bugibba izda fis-6 ta' Awissu 1997 siefer minn Malta ghaliex kellu 'l missieru l-Algerija ma jiflahx; wara jumejn cempel lill-attrici u qallha li ma setghax jigi lura u biex tmur hija hemm; peress li fl-Algerija kien hemm l-inkwiet l-attrici ma acettatx izda ftehmu li titla' t-Tunezija u jiltaqa' maghha hemmhekk u hekk gara fit-28 ta' Awissu 1997.

Illi huwa kkonvincija li tmur fl-Algerija ghaliex mhux minnu li kien hemm l-inkwiet, izda meta waslet hemm sabet li l-post kien fi stat ta' gwerra, u wara li rat anke massakru ta' tfal

hija nsistiet li tinzel Malta. Il-konvenut qabel maghha, pero' qalilha li kien niezel mhux maghha izda bil-lejl.

Illi minn dakinhar wara li nizlet Malta hija ma semghetx iktar bih; ipprovat tikkomunika mieghu izda l-genituri tieghu kienu joffenduha u ghalkemm irrikorriet ghand id-Direttur tad-Dar ta' l-Emigranti, kull tentattiv sabiex jigi ntraccat il-konvenut baqa' kollu ghal xejn. Illi baqghet tipprova taghmel diversi kuntatti, izda kienu kollha ghal xejn sakemm fuq parir tar-Revendu M. Agius hija ddecidiet li tibda hajja gdida.

Illi ilha ghalhekk kwazi hames snin ma tisma' u wisq inqas ma tara lill-konvenut u minn dak in-nhar qabdet relazzjoni ma certu Ibrahim Shahata li minnu kellha tarbija Abrian li ghandu tliet (3) snin u tghix mieghu u ma' missieru.

Illi **Georgina Pace,** omm l-attrici b'affidavit taghha tat-8 ta' Mejju 2002, kkonfermat dak kollu li xehdet l-attrici, u ziedet li l-attrici kellha biss tmintax-il (18) sena meta ltaqghet mal-konvenut u meta l-istess partijiet izzewgu hija kienet imsiefra ghal zmien twil u allura ma setghetx tipperswadi lill-binta biex ma tizzewwigx kemm ghaliex kienet zghira u kemm minhabba x-xoghol tal-konvenut. Ippruvat tikkonvinciha biex ma tmurx l-Algerija, izda l-attrici xorta marret *nonostante* l-inkwiet li kien hemm, u wara dan irrepetiet l-istorja li qalet l-attrici fl-affidavit taghha wkoll tat-8 ta' Mejju 2002.

Illi xehed ukoll **Ibrahim Shahata** permezz ta' Affidavit tat-8 ta' Mejju 2002 u qal li huwa iltaqa' mal-attrici meta hija kienet ghandu biex jippruvaw jaghmlu kuntatt mal-konvenut u ppruvaw jaghmlu kuntatt mal-familjari tal-konvenut, izda dawn ma riedux jafu bl-attrici u qatt ma tawha informazzjoni dwar fejn kien qieghed il-konvenut, u dan inkluz meta ix-xhud ikkomunika mal-mara ta' hu Djamel. Ikkonferma li kellu relazzjoni mal-attrici li minnha twieled Abrian, li llum ghandu tliet (3) snin u jghixu lkoll flimkien il-Birgu.

Illi minn dan kollu jidher car li l-konvenut bil-komporatament tieghu kemm qabel u wara z-zwieg, juri li dan kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju min-naha tieghu fuq il-hajja mizzewga, anke ghaliex l-kunsens tieghu ma kienx qatt dirett li jghix ma' martu bhala familja wahda, tant li *nonostante* l-fatt li hija nsistiet mieghu li jibda jahdem u jghix Malta u allura jitlaq ix-xoghol li kellu fuq il-vapuri u barra minn Malta, fejn kien jaghmel xhur mifrud minnha, u ghalkemm bil-fomm huwa sostna li lest li jaghmel dan, fil-fatt l-attur ma ghamel xejn la biex jitlaq mix-xoghol li kellu sabiex jghix ta' familja mal-attrici u jahseb ghall-familja, u lanqas biex jistabilixxi ruhu hawn Malta, fejn mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess kontendenti kienu qabblu li jistabilixxu d-domicilju taghhom.

Illi tant huwa minnu dan li mal-ewwel okkazzjoni li kellu wara z-zwieg, il-konvenut mhux biss ma telaqx mix-xoghol, izda addirittura siefer l-Algerija, ipperswada lill-attrici sabiex tmur l-ewwel it-Tunesija, fejn iltaqa' maghha, u ikkonvinciha

kontra qalbha, biex tmur l-Algerija *nonostante* l-inkwiet li kien hemm f'dak il-pajjiz, bl-intenzjoni ovvja li jiehu lill-martu pajjizu u jghix maghha hemm, kontra kull ftehim li kellhom u kontra x-xewqa manifesta taghha.

Illi dan kollu jindika li l-konvenut qatt ma kellu u lanqas setgha jkollu gudizzju serju u normali fuq id-drittijiet u l-obbligi taz-zwieg u fil-fatt ghal dak li jirrigwarda l-konvenut tali konsiderazzjonijiet bazici kienu ghal kollox assenti fl-apprezzament tieghu tas-sitwazzjoni nkluz meta ddecieda li jizzewweg u fatalment fil-mument li huwa ta l-kunsens tieghu ghall-istess zwieg.

Illi dan qed jinghad ghaliex li mill-fatti esposti f'din il-kawza jirrizulta li l-konvenut qatt ma kellu ntenzjoni li jghix ma' martu hawn Malta kif ftiehem maghha, u in verita' qatt ma ried jghix maghha fis ghaliex minn imkien ma jirrizulta li pprova jsib xoghol Malta, jew li b'xi mod telaq ix-xoghol tieghu li kien izommu 'l boghod minnha, anzi jidher li ghamel minn kollox sabiex jibqa' fl-istess xoghol u addirittura jiehu lill-attrici barra minn Malta, kollox kontra xewqietha, tant li din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut dahaq litteralment b'martu, specjalment bil-promessi fierha tieghu, u fil-fatt ma' l-ewwel okkazjoni telaq minn Malta u qatt ma rritorna izjed 'l hawn, u mhux biss izda qata' kull kuntatt li kellu maghha u rrezista anke t-tentattivi taghha sabiex tikkomunika mieghu.

Illi dan kollu huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilita' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-' communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef'** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element*

*essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi dan kien ovvjament mankanti bejn il-partijiet, kemm mill-konvenut kif gja indikat, u wkoll mill-attrici, u dan mhux biss minhabba l-eta' tenera taghha fid-data tal-istess zwieg, izda wkoll li hija bhala persuna tidher li kienet immatura ghall-ahhar, u dan huwa wkoll manifestat mill-fatt li *nonostante* li hija mill-ewwel insistiet mal-konvenut li huwa kellhu jabbanduna x-xoghol tieghu fuq il-vapuri li kien jirrikjedi li huwa jsiefer xahar iva u xahar le barra minn Malta, u minkejja l-fatt li l-istess konvenut ma ghamel xejn sabiex ibiddel din is-sitwazzjoni, hija qabdet u zzewgitu fi kwistjoni ta' ftit xhur. Dan juri wkoll certa ingenwita' *da parte* tal-attrici, u din mhux sempliciment kwistjoni li l-attrici ghamlet zball fix-xelta u l-ghazla taghha, anke dwar l-istat li kienet ser tidhol fih, izda dan juri, fl-opinjoni ta' din il-Qorti li f'dak il-mument u bl-infattwazzjoni li hija kellha lejn l-konvenut hija kienet inkapaci li tifforma u wisq inqas taghti l-kunsens mehtieg ghaz-zwieg, b'mod li f'dak l-istat hija kienet impossibilita' li tifhem u tapprezza s-sinifikat taz-zwieg u l-obbligi u d-drittijiet naxxenti minnu u dan iwassal li anke min-naha tal-attrici hemm ragunijiet sufficjenti li tali zwieg jigi kkunsidrat bhala null u bla effett anke skond l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**.

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak

parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912) :-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi*

*wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubilita` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara

wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilita' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J*. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*,** fii-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghall dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jidher li ghalhekk l-attrici ppruvat ukoll li dan huwa kaz ta' annullament taz-zwieg li jaqa' taht id-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (f) tal-Kap 255,** u dan peress li jidher mill-provi prodotti li l-konvenut qatt ma kellu ntenzjonijiet serji dwar l-istess zwieg naxxenti mill-fatt ppruvat li huwa qatt ma kellu u wisq anqas wera ntenzjoni, hsieb jew almenu xewqa li huwa jghix ma' martu fid-dar konjugali maghzula minnhom sabiex iqatta' hajtu jghix ta' familja fissa maghha, u dan huwa manifestat mill-fatt li *entro* kwistjoni ta' xahrejn huwa taht pretest jew iehor abbanduna d-dar konjugali, bl-intenzjoni ovvja, li fil-fatt esegwixxa, li qatt ma jirritorna lura; mhux biss izda addirittura, wara li l-attrici ma accettatx, minkejja l-maniggi tieghu, li tmur fejn ried huwa fl-Algerija, huwa b'mod mill-iktar krudili u insensittiv, qata' kull kuntatt imaginabbli maghha wkoll li dak li anima lill-attur sabiex jidhol fl-istess zwieg, b'mod li irresista anke ghall-isforzi taghha biex tara almenu fejn qieghed, fejn anke *tramite* il-

familjari tieghu, huwa ghamel minn kollox sabiex jiddiswadi lill-attrici milli b'xi mod taghmel xi kuntatt mieghu, u s-sitwazzjoni baqghet hekk sa llum.

Illi dan huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life' ".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilita' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta'*

*ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef'*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi dan kien ovvjament mankanti mill-konvenut, *stante* li mill-provi prodotti lanqas tirrizulta r-raguni ghaliex l-konvenut izzewweg lill-konvenuta, hlief li qarraq biha b'weghdi fierha, li qatt ma kien f'pozizzjoni jew almenu qatt ma kellu intenzjoni li jsegwi, tant li jidher car li l-konvenut qatt ma kellhu f'mohhu li jghix biss flimkien mal-attrici bhala familja, inqas u inqas li jiddedika hajtu ghal hajja maghha f'kollox u sabiex jistabbilixxi familja. Illi s-sitwazzjoni ma tistax tigi deciza mod iehor *stante* li l-bazi tal-agir tal-konvenut kien mibni fuq l-ingann prattikat minnu fuq l-istess attrici bla ebda sustanza jew imhabba murija lejn l-attrici.

Illi ghalhekk din il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti thoss li anke fuq din il-bazi hemm ragunijiet sabiex tintlaqa' t-talba attrici abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, in kwantu l-istess jistghu

jikkontrastaw mat-talbiet attrici, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti tad-19 ta' Gunju, 1997 huwa null u bla effett a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) u (1) (f) tal-Att dwar iz-Zwieg** ghar-ragunijiet imputabbli kemm lill-attrici u lill-konvenut taht l-ewwel sub-artikolu u esklussivament lill-konvenut abbazi tat-tieni sub-artikolu citat, kollox kif fuq premess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**13 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Gunju 2002**